# ĦAL KIRKOP SAL-1592

STANLEY FIORINI*

## Isem ir-Raħal

Il-kitba erudita ta' Geoffrey Hull bl-isem *The Origin of the Name 'Kirkop',*[1] li tnissel l-etimoloġija tal-kunjom "Kirkop" u isem ir-raħal mill-Għarbi barqûq (isem ta' frotta, bil-Malti "berquq"), b'argument purament filoloġiku hi mgħallta għaliex tbarri għal kollox id-drawwiet lokali, li nistgħu nqisuhom bħala l-liġijiet li jiggvernaw it-tnissil tat-toponomastika tagħna. Analisi tat-toponimi Maltin marbuta ma' lokalitajiet mgħammra għandha twassal għal dawn il-konklużjonijiet li ġejjin: hemm distinzjoni netta bejn ismijiet li jġibu quddiemhom il-kelma "Raħal" u dawk li ma jġibuhiex.

Bħala regola ġenerali, dawk li ma jġibux "Raħal/Ħal" quddiemhom huma lokalitajiet ċentrali, aktarx imwaħħda ma' dawk li, aktar 'il quddiem (aktarx fis-seklu XIV), twaqqfu bħala parroċċi bil-*cura animarum.* Dawn l-ismijiet huma aktarx deskrittivi tat-topografija bħal ma huma, ngħidu aħna, Il-Mellieħa (isem Għarbi qadim li jfisser "salini"; kif nafu, kien hemm salini qodma max-xtajta tal-Għadira), jew Birkirkara (jiġifieri "il-bir qrib il-kalkara tal-ġir"; forma qadima t'isem ir-raħal hi "Birċalcara"), jew Birmiftuħ (li jew tfisser dak li qed tgħid, jew bir ta' xi ħadd Għarbi b'dak l-isem).[2] Ismijiet oħra bħal In-Naxxar jew Is-Siġġiewi, li huma mfassla fuq dan il-mudell, huma itqal biex tfissirhom għax l-ilsien jinbidel matul is-sekli u l-kliem biż-żmien jibdel tifsirtu jew saħansitra jitlifha għal kollox.

Mill-banda l-oħra, lokalitajiet li jġibu "Raħal/Ħal" quddiemhom jidher li huma aktarx satelliti iżgħar imferrxa madwar u jħaddnu l-lokalità ċentrali (li ma ġġibx "Raħal") u li isimhom fil-maġġoranza kbira tagħhom hu, b'kuntrast ma' isem iċ-ċentru, marbut ma' isem jew kunjom ta' persuna. Hekk, ngħidu aħna, Ħ'Attard, Ħal Balzan, Ħal Lija, Ħal Kirkop, Ħal Għaxaq, Ħal Luqa, Ħal Farruġ, Ħal Dingli, Ħal Mula, Ħal Muxi, Ħal Dwin nistgħu nqisuhom bla tlaqliq marbuta ma' nies b'kunjomijiet li għadhom produttivi sal-lum. Oħrajn intilfu, kemm il-kunjom u kemm ir-raħal, u niltaqgħu magħhom biss f'kitbiet qodma. Minn dawn insibu Raħal Dragu, Raħal Dimekk, Raħal Ġwann, Raħal Kaprat, Raħal Tartarni, Raħal Ġer, Raħal Binsinjur, Raħal Sammut, Raħal Għallun (Hellul?), Raħal Bisqallin (Pasqualin), Raħal Ramija, Raħal Far, Raħal Ġawhar u oħrajn.

Ta' min igħid hawn li l-kontrazzjoni Raħal > Ħal hi fenomenu Malti li jikkoinċidi purament mas-seklu XVI, u li għalhekk ismijiet ta' qabel, kollha ssibhom b'"Raħal" miktuba sħiħ kif ukoll dawk, bħal Raħal Ġdid, li ġew wara. Eċċezzjonijiet għal dawn ir-regoli hemm, u xi wħud minnhom nistgħu nipproponu tifsira għalihom. Għargħur mhux għajr forma Għarbija ta' l-isem Kristjan Grigori. Safi nsibuh bħala isem ta' persuna Għarbija fi Sqallija tas-seklu XII.[3] Għalkemm Ħal Qormi (mill-kunjom Curmi) hu wieħed mill-parroċċi ewlenin imsemmija fir-*Rollo de Mello* tal-1436, seta' ġara li oriġinarjament kien lokalità satellita, li maż-żmien tant kiber, li sar parroċċa indipendenti; ta' min jinnota li rħula satelliti tiegħu m'għandniex. Imkejjen oħra mgħammra jidhru bħala satelliti ta' ċentri u ma jġibux "Raħal", bħal Il-Mosta, L-Imqabba, Il-Gudja, Il-Qrendi. Dan jista' jitfisser bil-mod ta' kif oriġinaw li hu marbut mat-tifsira tal-kelma "Raħal".

Din il-kelma kienet tingħad għal imkien ta' waqfa wara vjaġġ ta' jum. Għalkemm, fil-kuntest ta' bidwin fid-deżert, id-distanzi bejn raħal u ieħor setgħu kienu kbar, fil-kuntest Malti m'għandniex nifhmu vjaġġ ta' rekkieb fuq żiemel jew ġemel, l-anqas mixja bir-riġel ta' xi ħadd iħaffef, imma aktarx f'termni ta' rgħajja fejn id-distanza bejn raħal u ieħor kienet il-medda art li merħla tkopri biex minn mergħa li tkun ħalliet fil-għodu tasal għal oħra fil-għaxija. Il-għerq "R-Ħ-L" tal-kelma "raħal" innifsu juri r-rabta fit-tifsira man-nom mimmat **merħla**. Il-kelma tnisslet fi żmien il-Għarab li ta' dak iż-żmien għandna d-deskrizzjoni ta' Idrisi: "Malta – gżira għanja fil-mergħat, fil-merħliet, fl-egħlejjel u, fuq kollox, fil-għasel".[4]

Ir-raħal, allura, aktarx li beda bħala razzett jew tnejn ta' xi ħadd (li kien iġib ismu) fejn ragħaj seta' jistrieħ għal-lejl bil-merħla tiegħu. Ta' min jinnota li, sal-bidu tas-seklu XV, għad nistgħu nilmħu koinċidenza konsiderevoli ta' isem raħal ma' kunjom identiku. Hekk, ngħidu aħna, f'Raħal Attard, fis-sena 1419, insibu lil Benedittu u Cola Atardu u lil Thumeu u Angilu Atardu. F'Raħal Grigori u Samudi insibu lil Burdinu Samud (b'ħafna mis-Sammutijiet l-oħra jinsabu fil-qrib, in-Naxxar), f'Raħal Calleya u Musta insibu lil Jacubu Calleya u lil Luca, Gaddu u Nicolosu Calleja. F'Raħal Percopu insibu lil Pinu Percopu u lil Thumeu Percopu.[5] F'dan l-isfond nistgħu nqiegħdu 'l Ħal Kirkop u l-irħula ta' madwaru – Ħal Luqa, l-Imqabba, Ħal Safi, Ħal Farruġ, Il-Gudja, Ħal Tarxien – u fil-qalba tagħhom Birmiftuħ bil-knisja medjevali tiegħu, li għad nistgħu ngawdu sal-lum mitlufa qalb ir-raba'. Irridu ngħidu li dawn huma l-irħula li fadal. Biss, f'medda ta' żewġ mili madwar Birmiftuħ, fil-qedem kien hemm irħula oħra li llum ma baqagħlniex għajr tifkira ta' isimhom. Minn

dawn insibu Raħal Qadi (ħada l-knisja ta' Loretu), Raħal Spital (Ħas Saptan), Raħal Ġawhar, Raħal Far, Raħal Armanin u Raħal Risqun.[6]

Biss, il-problema tat-tranżizzjoni mill-isem "Percop" għal "Kirkop", li stimulat lil Hull biex jikteb li kiteb, għadna ma indirizzajnihiex. Il-forma qadima tal-kunjom "Kirkop" u ta' isem ir-raħal hi "Percopu/Procopu", kif tidher kemm fil-lista ta' l-Irġiel tal-Għassa tal-1419-20 li kkwotajna, kif ukoll minn kitba kemmxejn eqdem li nsibu fil-Kanċellerja Rjali ta' Palermu fejn niltaqgħu ma' Bartilmew Percopu/Procopu li kien *Secretus* għal Malta fl-1398.[7] Isem ir-raħal joqgħod pinna fil-mudell tat-toponomastika Maltija li wrejna u li allura mhux għajr il-kunjom patronimiku Grieg *Prokopios*.

Għalkemm fis-seklu XIV niltaqgħu wkoll mal-kunjom "Karcheppu", ma nqisux li dan hu l-istess bħal "Kirkop", iżda li kien kunjom distint li baqa' jiżviluppa ma' ġenb "Perkop/Kirkop" sa ma miet mewta naturali fis-seklu tmintax; baqagħlna biss ħjiel tiegħu f'isem il-kontrada "Ta' Kerċeppu" fid-daħla tas-Siġġiewi minn-naħa ta' Ħal Żebbuġ, li ħadd ma jħawwadha ma' "Ta' Kirkop".

Hu sinjifikattiv li l-ewwel darba li niltaqgħu mal-forma "Kirkop" għal isem ir-raħal kien ftit wara l-wasla tal-Kavallieri f'Malta fil-kitba ta' nutar Rodjota li ġie hawn ma' l-Ordni, in-Nutar Bartilmew Selvagio de Via, li konsistentement jikteb "Casali Corcop".[8] Dam żmien twil waħdu jinqeda b'dil-forma meta kulħadd baqa' jikteb "Percop". Biss jidher li kellu influenza, għax lejn tmiem is-seklu bdew jidhru oħrajn, għall-ewwel fil-kuntest kosmopolitan tat-Tlett Ibliet, bħan-Nutar G.S. De Lucia, meta fl-1591 kiteb: *Albanus Chircop condam Pauli de Burmula.*[9] Aktar 'il quddiem, fis-seklu XVII, intgħoġbot sew, u kulħadd beda jikteb "Kirkop".

Il-fatt li għal xi żmien iż-żewġ forom tal-kelma bdew jintużaw ma' ġenb xulxin m'għandux joħloq stagħġib. L-istess kien ġara qabel bil-kunjom/toponimu relatat "Kirchipulli/Pirchipulli",[10] patronimiku ieħor bl-istess derivazzjoni li jfisser Iben Prokopju, mill-Grieg *Prokopiopoulos.* F'Malta, Raħal Kirchipulli kien fil-wita ta' taħt ir-Rabat lejn San Martin ta' Ħal Żebbuġ. Dokumentat f'Malta, il-kunjom niltaqgħu miegħu fis-seklu XVI bħala *Alessandro Carciopullo... habitatori de Lepanto.*[11] Jekk irridu nfittxu x'kienu l-forzi soċjo-lingwistiċi li ġiegħlu din il-bidla stramba sseħħ meta seħħet, forsi rridu nħarsu lejn dak li ġara u jiġri fin-nofsinhar ta' l-Italja minn Napli 'l isfel, fejn kliem b'inizjali /p/ jinbidlu f'/k/ bħal fid-djalett Naplitan li jagħżel igħid *chianiere* minflok *piangere* u *chiù* minflok *più,* jew fl-Isqalli fejn *piano* ssir *Chianu/*

*cianu, piombu* ssir *chiummu/ciummu* u *pianta* ssir *chianta/cianta*. Dawn it-tendenzi jidhru wkoll f'dokumentazzjoni Maltija.[12]

**Il-Popolazzjoni u Organizzazjoni Ċivili**

L-eqdem ħjiel tal-popolazzzjoni tar-raħal insibuha fil-listi ta' l-irġiel tal-milizzja ta' l-1417, 1419-20, 1425 u f'dik ta' l-*Angara (vide infra)* ta' l-1480 *ca.*, li diġà aċċennajna għalihom. Lejn l-1375, ir-Re Federiku IV ta' Sqallija *(Il Semplice)* kien ried li jitwaqqfu għases madwar il-kosta kollha tar-renju għall-ħarsien minn ħbit mill-Misilmin u egħdewwa oħra. Fdal ta' din l-organizzazzjoni fdata f'idejn il-gvern lokali tal-gżira huma l-listi tal-milizzja li semmejna. F'Malta, din il-għassa tax-xtut kienu jsejħulha il-"Maħras" *(vide infra)*, u mhux id-"Dejma", li kienet għassa oħra bbażata fl-irħula.[13] Għall-maħras kienu jridu jagħtu sehemhom l-irġiel kollha ta' bejn is-sittax u l-ħamsa u sittin li ma kinux membri tal-kleru. Il-listi tal-1419 u tal-1425 ta' Casali Percopu, kif jidhru hawn taħt, fihom 16-il u 17-il isem rispettivament, u jekk inqisu li għal kull raġel hemm xi ħamsa sew sitta min-nies dipendenti fuqu, bejn nisa, tfal u xjuħ, naslu biex ngħidu li r-raħal kellu popolazzjoni ta' qrib il-100 ruħ. Tabilħaqq, għadd żgħir imqabbel mal-lum; izda rridu ngħidu li ma kienx inqas minn dak għal irħula oħra ġirien bħall-Imqabba b'21 raġel, Raħal Luqa u Raħal Farruġ flimkien b'27, Raħal Saflieni u Raħal Għallun flimkien bi 12, Raħal Millieri b'14, jew Raħal Lew u Il-Qrendi flimkien b'27. Tabilħaqq, sas-seklu XV, il-popolazzjoni tal-gżira kienet mifruxa f'għadd imdaqqas ta' nukleji żgħar distinti minn xulxin, għalkemm kien diġà beda jidher li l-irħula kienu satelliti ta' ċentri kemmxejn akbar minnhom, bħaż-Żurrieq b'61 ruħ jew Birkirkara b'89 li, bil-faċilitajiet aħjar li setgħu joffru – knisja sagramentali, forsi tabib, nutar, suq, xi dverna – kienu qed ikunu kalamita għall-bdiewa fl-irħula ta' madwar, hekk li xi wħud minn dawn waslu biex dabu fix-xejn.

Kif wieħed għandu jistenna, f'qabża żgħira ta' ħames snin, m'għandux ikun hemm bidliet kbar fil-popolazzjoni. Fil-fatt, iż-żewġ listi tal-għassa għandhom mhux anqas minn tlettax-il isem identiċi jew jixxiebhu ħafna. Li Laurenzu de Luchia u Laurenzu Gaudixi huma l-istess persuna narawha meta nqisu li De Lucia kien kunjom Għawdxi u mhux Malti,[14] u li Guadixi (illum Gauci) mhux għajr il-laqam Għawdxi. Dorbies ukoll huwa laqam (ifisser "iljun").[15] Li qed jikkwalifika l-kunjom Hellul jidher mill-fatt li Fidericu Hellul fiż-żewġ listi jżomm postu taħt Paulu Hellul jew (bil-laqam) Dorbies, li aktarx kien missieru. Imma xi tibdil kien hemm. Il-kunjomijiet Cagege u Vella donnhom intilfu u daħlu minn flokhom Caruana u Scalisi. Jista' jkun li dawn l-irġiel mietu jew iżżewġu barr a r-raħal. Biss, Scalisi hu kunjom Sqalli, rari hawn Malta, li fil-lista tal-1417 jidher biss darba.

| 1419-20 | 1425 |
|---|---|
| Laurenzu de Luchia | Laurenzu Gaudixi |
| Paulu Pachi | Paulu Pachi |
| Niculozu Xintil | Niculozu Xintil |
| Antoni Bertolli *jucularu* | Antoni Bertelli *jucularu* |
| Pinu Percopu | Pinu Percopu |
| Paulu Dorbes | Paulu Hellul |
| Fidericu Hellul | Fidericu Hellul |
| Ximuni Xerri | Simuni Xerri |
| Lanza Haiuz | Lanza Haius |
| Bernardu Habidille | Bernardu Habdille |
| Orlandu Maniuni | Arnaldu Maniuni |
| Thumeu Percopu | Thumeu Percopu |
| Gullielmu Kercheppu | Gullielmu Kercheppu |
| | Raimondu Percopu |
| Luppu Hellul | |
| | Jackinu Hellul |
| Jorgi Cagege | |
| | Ponzu Caruana |
| Marcu Vella | |
| | Micheli Scalisi |

Ta' min igħid li l-lista tal-1417[16] mhix imqassma bil-lokalità, imma tassenja l-irġiel għall-posta tal-għassa fuq ix-xatt. Jekk inqabblu dil-lista ma' dik ta' sentejn wara, naraw li nofs l-irġiel ta' Raħal Percopu kienu assenjati l-għassa fl-eqreb xatt fl-Għadir, jiġifieri, San Ġorġ tal-Għadir jew ta' Birżebbuġa,[17] wieħed kien assenjat Il-Marnisi, ieħor f'Ras Juliana (jew Bin Għisa) u ieħor kellu jirrapporta L-Imdina. Jekk nerġgħu għall-kunjom Scalisi, insibu li wieħed Bernardu Scalisi jidher fil-lista tal-1417 Il-Marnisi, u li għalhekk aktarx kien ġej minn xi raħal qrib Raħal Percopu, aktarx minn hemm stess. Il-probabbiltà hi li fl-1419 Bernardu kien għalaq il-65 u li Micheli (aktarx ibnu) kien għadu taħt l-età. Isem ieħor li jolqtok hu Antoni Bertelli (jiġifieri Portelli kif sar aktar tard) li jġib miegħu l-kelma *jucularu*, jiġifieri daqqaq ta' xi strument bħall-fifra, jew tanbur jew żaqq. It-*trubaturi* jew *juculari* l-oħra jidhru kollha

jirrappurtaw fil-misraħ ta' l-Imdina għal xi għamla ta' parata, imma mhux Bertelli. Bħal Scalisi, seta' kien għadu taħt l-età f'dik is-sena.

Iċ-ċaqliq li nilmħu bejn l-1420 u l-1425 hu ċaqliq naturali; imma fis-snin li ġew wara, Malta għaddiet minn burraxka sħiħa. Wara l-kedda li ħadu l-Maltin minħabba l-għotja b'rahan tal-gżira mir-Re Alfonsu lil Gonsalvu Monroy, li biex jeħilsu minn dan ix-xkiel, il-Maltin għażlu li joħorġu minn demmhom it-30,000 fjorin li kien ser jislef lis-sultan, ftit wara, fl-1429, seħħ ħbit mill-eqqel fuq dawn il-gżejjer mill-Misilmin taħt Qa'id Ridwan li ħalla warajh ħerba liema bħala u telfien ta' madwar 3,000 ruħ – terz tal-popolazzjoni kollha – li tkaxkru fil-jasar. Il-mard ma naqasx li jagħmel tiegħu u jgħakkes 'il dawn il-gżejjer meta mxija tal-grieżem leħqet hawn lejn nofs is-seklu u ġarret xi 700 ruħ oħra. Kien hawn ukoll miġja tal-pesta bubonika fl-istess żmien. Tant kien hawn għaks, li għal ħlas iżjed ta' taxxi il-poplu stqarr li *teste deu, extrahirimu quasi di intra li ossa nostri*. Għaldaqstant, wieħed jiskanta kif lejn l-1480, wara dan is-saram kollu, insibu li l-popolazzjoni kienet, fil-fatt, żdiedet kemmxejn meta nqisu l-informazzjoni li tagħtina l-lista ta' l-*Angara* ta' dak iż-żmien.

Fost il-piżijiet li kellhom jerfgħu l-Maltin, frott ta' żmien is-servitù li ntemm lejn is-seklu XIV, barra mill-għassa tad-Dejma u tal-Maħras, kellhom ukoll jagħtu bla ħlas għall-ħarsien tal-gżira ġurnata xogħol fix-xahar fuq il-ħitan ta' l-Imdina. Dan il-piż kien jissejjaħ l-*Angara*. Hekk, ngħidu aħna, nafu li l-foss ta' taħt iż-żewġ bibien tal-belt inqata' b'ħidma ta' l-*Angara* meta kien hemm theddida ta' ħbit ieħor mill-għadu li, fil-fatt, seħħ minflok fl-1488 fuq il-Birgu. Id-dettalji ta' din il-ħidma nafuhom mill-lista ta' l-*Angara* tat-tmeninijiet, li meta nqabbluha ma' lista dettaljata li għandna ta' l-istess żmien tal-popolazzjoni tar-Rabat, nikkonkludu li l-għadd ta' nies dipendenti fuq l-irġiel ta' bejn is-16 u l-65 kien aktarx ta' sebgħa jew tmienja oħra (mhux ta' ħamsa jew sitta bħal fil-każ tal-maħras). Raġuni waħda setgħet kienet li, billi x-xogħol ta' qtigħ il-blat u ġarr ta' ġebel kien ferm itqal minn tal-għassa, aktar irġiel seħħilhom ikunu eżentati.

Meta niġu biex ninterpretaw din l-informazzjoni għal Raħal Perkopu, hemm diffikultà oħra billi n-nies tar-raħal għax-xogħol ta' l-*Angara* jidhru fi tliet gruppi differenti: darba weħidhom fi grupp ta' tmien irġiel kollha mir-raħal, darba oħra fi grupp ta' sitt irġiel minn Raħal Perkopu u minn Raħal Safi flimkien, u d-drabi l-oħra (b'kollox 39 raġel) imħalltin ma' dawk minn Raħal Safi u mill-Imqabba. Biss, jekk inqisu t-tliet irħula f'daqqa, naraw li fl-1419 taw 55

raġel bejniethom, fl-1425 taw 59 raġel u fl-1480, taw 53 raġel, numri li jsegwu l-linja demografika ġenerali tal-gżira. (Din iż-żjieda fil-popolazzjoni f'dan iż-żmien, fil-fatt, ma kienx fenomnu Malti biss, iżda kien manifest fil-kuntest ferm usa' tal-Mediterran kollu.[18])

Daqshekk ieħor ta' importanza huma l-ismijiet il-ġodda li niltaqgħu magħhom fil-lista ta' l-*Angara*. Disa' ismijiet ta' rġiel li nafu fiż-żgur li ġejjin minn Raħal Perkopu fit-tmeninijiet huma: Il-kuntistabbli Martin Bonan, Joanni Manjun, Lemu Bonnichi, Francisco Vella, Bartholomeu Axac, Nardu Baldakin, Micheli Caruana u Anthoni Percop iben Fanyu. Barra minn dawn, isem Vestru Vella jinsab maqtugħ u mniżżel ma' dawk ta Micabibe, Safi u Perkopu. Għalhekk jidher li wara t-taqlib kollu ta' nofs is-seklu XV, il-familji Percopu, Caruana u Mangion kienu għadhom hemm, filwaqt li Vella raġa' tfaċċa, u dehru wkoll kunjomijiet ġodda bħal Axiaq, Bonanno, Bonnici u Baldacchino. Jista' jagħti l-każ li Xintil u Kercheppu kienu baqgħu hemm ukoll billi jidhru fost l-ismijiet tal-Imqabba, Safi u Perkopu; imma minn dawn, Kercheppu waħdu kien jinsab f'Rahal Perkopu biss fl-1425. Minn dokumentazzjoni oħra li għad insemmu, jidher li Hellul ukoll ma kienx iċċaqlaq, u li kien daħal ukoll Cassar.

Ta' min jinnota l-preżenza ta' kuntistabbli, Martin Bonanno, fost in-nies tar-raħal. Aktarx li xogħlu kien, bħal dak tar-*rividituri* tal-maħras, li jara li n-nies ta' taħtu jaqdu dmirhom. Fis-seklu ta' wara, xogħol il-kuntistabbli żgur li kien jinkludi t-tqassim tal-qamħ li kienet timporta l-Università lin-nies tar-raħal. Hekk, fl-1542, insibu mandat maħruġ lil Ġiljan Imbroglu (Imbroll), kuntistabbli ta' Casali Percop dwar din il-ħidma.[19] Fis-sajf tal-1561, dan l-istess Imbroll kien għadu kuntistabbli tar-raħal flimkien ma' ieħor jismu Brandan Bonnici, imma lil nies ir-raħal dawn it-tnejn kienu naffruhom waħda sew għax, kif akkużawhom quddiem l-Università, kienu qed jimxu bil-favuri għal dawk l-aħħar ħamsa u għoxrin sena li kienu ilhom fil-poter. Seħħilhom jaqilgħuhom minn kuntistabbli u laħħqu minn flokhom lil Filippu Farrugia u lil Ġanni Sammut, minkejja l-protesti ta' Imbroll u sieħbu.[20] Imbroll aktarx li tabilħaqq kien ilu żmien twil kuntistabbli tar-raħal, iżda mhux Bonnici, li dan nafu fiċ-ċert li kien sar fl-1552 meta laħaq flok Termu Xicluna, li kien ilu hemm biss sentejn.[21]

Xogħol ieħor ta' responsabbiltà li kien jingħata mill-Università lil nies mill-irħula, inklużi l-kuntistabbli, kienet rappreżentanza fil-Ġemgħa ta' tnejn, ġieli erbgħa, minn kull paroċċa jew *cappella*, meta kienu jkunu diskussi materji ta' interess ġenerali. Dawn jibdew jidhru fil-kunsill mill-1471 'il quddiem fuq suġġeriment ta' Pietru Caxaru.[22] Fit-8 ta' Novembru, 1472, dehru *pro capella*

*Bir Miftuh* Joannes Caruana u Randin Caruana, li setgħu kienu mir-raħal, meta ġiet diskussa il-ħidma bl-*Angara* li semmejna.[23] Isem ieħor li jidher minn ta' quddiem fost l-irġiel ta' l-*Angara* hu ta' Lemu Bonnici, li xi snin qabel kien wieħed mill-irġiel tal-parroċċa ta' Birmiftuħ, li ġiegħluh iħallas ħmistax-il irbiegħi biex jinxtara l-qamħ minn barra fi żmien ta' kriżi.[24] Bilfors li kien tat-tajjeb, jew għallinqas f'qagħda aħjar minn dik ta' sħabu.

Din l-informazzjoni dwar il-popolazzjoni fis-seklu XV slitnieha minn dokumenti ta' l-*Università* li tawna dawl sew fuq kif id-difiża tal-gżira – aspett importanti ta' l-organizzazzjoni muniċipali – kienet imfassla. Il-kunsill popolari ta' l-Imdina ħallielna wkoll minuti dettaljati sew tal-laqgħat li kienu jsiru regolarment mill-1450 'il-quddiem. F'uħud minn dawn il-laqgħat, kienu jittrattaw il-kontroll fuq id-diversi lokalitajiet tal-gżira, fosthom Raħal Perkopu.

Inċident żgħir li nqala' fir-raħal f'Diċembru tal-1498 jixħet dawl fuq il-ħajja ta' nies ir-raħal minsuġa madwar l-egħlieqi tagħhom. Ġakbu Cassar, imlaqqam Staynu, talab lill-ġurati ta' l-Imdina biex joħorġu projbizzjoni lil Kola Hellul, imlaqqam Bruri, u lil ħuh biex ma joqogħdux igħaddu iżjed mill-isqaq tal-knisja ta' Sant'Anastasja f'Raħal Perkopu għall-għalqa tagħhom li kienet tmiss mal-istess knisja min-naħa tat-tramuntana. Din kienet tilwima żgħira li ta' spiss niltaqgħu ma' oħrajn bħalha f'komunitajiet agrikoli oħra.[25] Bilfors li Staynu kellu ċerti drittijiet fuq l-isqaq, li ma setax kien mogħdija publika. Fil-fatt, il-ġurati qatgħuha favurih permezz ta' l-imħallef tagħhom Marku Debrincat.[26] L-importanza li kienet tingħata għall-konservazzjoni ta' l-ilma jidher minn bandu li xxandar fid-9 ta' Settembru, 1523, qabel l-istaġun tax-xita, f'Raħal Perkopu, sabiex min mir-raħal kien jinteressah jidħol għax-xogħol ta' tindif ta' ġiebja publika fir-raħal, imsejħa Bir il-Barrani, jagħti ismu lill-awtorità, billi Pietru Hellul, mill-istess raħal, kien jindaħal għaliha hu, jekk ma jinqala' ħadd biex jagħmilha.[27]

Dokumentazzjoni oħra li tirreleva l-aspett agrikolu insibuha f'għadd ta' kuntratti nutarili 'l hawn u 'l hinn fis-seklu XV. Hekk insibu lil Dun Nerik De Manuele, kanonku tal-Katidral, fl-1486 qiegħed iqabbel l-egħlieqi tal-prebenda tiegħu, imsejħa "Bir it-Twil", qrib ir-raħal, lil Nuzju Staynu, mir-raħal, għal tliet snin, bi ħlas ta' għaxart ewieq fis-sena, li kellhom jitħallsu f'maħlut (qamħ u xgħir) fil-Għid ta' kull sena.[28] Żewġ kuntratti oħra fl-atti ta' l-istess nutar, it-tnejn imxandra fl-istess jum ta' l-1 ta' Frar, 1487, jirrigwardaw l-għalqa msejħa "Il-Karwija" bejn Raħal Perkopu u Raħal Safi, li kienet proprjetà tas-*Secretus* ta' Malta, Johannes de Guevara, li kien joqgħod l-Imdina. Fl-ewwel kuntratt insibu lil De Guevara qiegħed jannulla kull donazzjoni li kien seta' għamel

minn din l-art lil martu Margarita jew lil bintu Paula u, wara li kien serraħ moħħu li hu kien is-sid waħdieni ta' l-art, fit-tieni kuntratt, ibiegħha lin-Nobbli Clara de Stuñica għal sittin uqija tad-deheb ta' Sqallija.[29]

Id-diversi atti notarili jagħtuna ħafna mill-ismijiet qodma ta' raba' madwar u fir-raħal meta dan jinbiegħ u jinxtara, jitpartat, jitqabbel, jintiret, jew jingħata b'donazzjoni bħal f'dota. Mingħajr dubju ta' xejn, l-aktar nutar importanti għal Raħal Perkopu fil-bidu tas-seklu XVI kien in-Nutar Dun Gonsalvu Canchur, li kien kappillan ta' Birmiftuħ kif ukoll kanonku tal-katidral u, saħansitra, Vigarju Ġenerali fl-1519-20 u bejn l-1523 u l-1531.[30] Kien ukoll l-ewwel nutar li kien ukoll kjeriku (qassis) li nafu bih f'dawn il-gżejjer.[31] Għalhekk, kien bniedem kapaċi u stmat ħafna, kif ukoll disponibbli għax igħix fil-qabda fl-istess parroċċa. Mhux ta' min jistagħgeb li bosta mill-kuntratti magħmulin min-nies tar-raħal kienu jsiru għandu, u ħafna mill-informazzjoni fuq ismijiet qodma tar-raħal insibuhom fl-atti tiegħu li, b'xorti tajba, għadhom konservati mhux ħażin u għadhom jinqraw, minkejja l-kedda li ħadu fl-aħħar gwerra: x'uħud huma mgħattna u mgħaffġa għax intradmu, oħrajn fihom evidenza li biċċiet ta' *shrapnel* għaddew minn ġo nofshom, u minkejja li ħelsuha wara li għaddew minn dan kollu, żewġ reġistri minnhom irnexxielhom "jintilfu" proprju f'dawn l-aħħar għoxrin sena.

Kuntratt tat-8 ta' Marzu, 1518, għandu importanza speċjali għax jixħet ħafna dawl fuq il-ħajja soċjali tar-raħal: Luqa Hellul, imlaqqam "Bruri", jidher qed jasal għal akkordju ma' nies ir-raħal irrappreżentati mill-irġiel Nuċju Cassar, Pietru Xicluna, Ġlormu Mangion, Indrì de Armanino u Masi Cassar, billi n-nies tar-raħal kienu oġġezzjonaw li l-Bruri jbiegħ l-inbid bil-kartoċċ fid-dverna tiegħu li kellu fir-raħal *non sine gravi damno et periculo habitantium dicti casalis*. Kienu laħqu kompromess mal-Bruri fis-sens li dan sata' jibqa' jbiegħ l-inbid bil-kartoċċ sakemm ibattal il-bettija li kellu miftuħa, imma wara kellu jaqta' dal-bejgħ. Mill-banda l-oħra, jekk wara li jkun waqaf, il-Bruri jintebaħ li nies ir-raħal kienu ħallew 'il xi ħadd ieħor ibiegħ l-inbid bil-kartoċċ fil-konfini tar-raħal, allura il-kuntratt kellu jaqa'.

Hu interessanti ħafna li dawn il-konfini tar-raħal, kif kienu meqjusa f'dik is-sena, ġew stipulati fil-kuntratt kif ġej: *Spacium Sancti Johannis, Bir Sihjr, Tal Midic et Chabel Leu.*[32] Il-kriterji dojoq li wrew in-nies ta' Raħal Perkopu ma kienu xejn differenti minn dawk ta' rħula oħra. L-istess għamlu ta' Raħal Żebbuġ fl-1468 dwar id-dverna jisimha "Dar Cuchara" f'raħalhom,[33] kif ukoll dawk ta' Raħal Tarxien fl-1514 meta Vestru Percop kien qed ibiegħ fid-dverna tiegħu li kienu jafuha b'"Dar Zinzilin".[34] Sena qabel, ta' Raħal Għargħur lil

Bertolo Borg mhux biss inbid, imma l-anqas żejt jew merċa oħra ma ħallewh ibiegħ; min jista' jgħid għaliex?[35] L-irġiel li jidhru qed jirrappreżentaw 'il nies ir-raħal f'dal-kuntratt kienu l-faktotum tar-raħal – illum żgur li kont issibhom fil-Kunsill Lokali – isem wieħed jew l-ieħor jidher f'kull kuntratt li għandu x'jaqsam mar-raħal. Masi Cassar jidher jixtri l-għalqa "Tal-Bagħal" qrib ir-raħal fl-1520, u Ġlormu Mangion kien xtara għalqa oħra sena qabel.[36] L-imgħallem tas-sengħa (*Magister*) Pietru Xicluna,[37] speċjalment, kien neguzjant kbir fl-artijiet: f'Diċembru, 1525, xtara għalqa jgħidulha "Iċ-Ċens" fir-raħal mingħand Ġanni Hellul "tal-Bruri" u martu Chusa; qabbel lil Ġlormu Mangion mir-raħal ukoll għalqa jisimha "Tal-Bir" fir-raħal, u terz ta' oħra li kellu bi sħab jisimha "Ta' Dukkiena", filwaqt li biegħ għalqa oħra jgħidulha "Il-Midieq" lil Kola Hellul "tal-Bruri".[38] Erba' snin wara, insibuh qed jixtri għalqa oħra jgħidulha "Ta' Sliema" qrib ir-raħal mingħand Indrì Falzon ta' Raħal Safi.[39]

Egħlieqi oħra niltaqgħu magħhom għand nies oħra u nxtraw b'nutara oħra: "Tal-Ġmiem", għalqa bejn Raħal Perkop u Birmiftuħ, tidher f'akkordju bejn Johannes de lu Vechu u ommu Katarina.[40] L-għalqa "tal-Ftajjar" fir-raħal kien akkwistaha bi tpartit Pietru Hellul "tal-Bruri" mir-raħal ma' dar, ġiebja u egħlieqi żgħar f'Raħal Millieri li kienu ta' Mattew Zammit imlaqqam "Chardun" minn Raħal Millieri stess.[41] "L-Andar ta' Lewża" kienet għalqa fil-kuntrada tal-knisja ta' San Ġwann ta' Raħal Perkop,[42] filwaqt li l-egħlieqi jgħidulhom "In-Nejdriet" ta' Raħal Perkop kienu tqabblu minn Kola Xicluna mis-Siġġiewi lil Bernard Farrugia mill-Imqabba biex jiżragħhom bil-qoton.[43] Dan il-kuntratt jemfasizza l-importanza tal-qoton għall-ekonomija Maltija ta' dak iż-żmien.[44]

### Organizzazzjoni Ekkleżjastika

Il-Knisja wkoll kellha għadd ta' artijiet qrib u madwar ir-raħal, kif diġà ltqajna mal-prebenda ta' "Bir it-Twil", ħarġa raba' ġmielha li kella firxa ta' mhux anqas minn għoxrin salma jew 320 tomna, u li kienet (u għadha) bejn l-Imqabba u Ħal Kirkop. Prebenda oħra qadima li diġà tissemma fir-*Rollo de Mello* tal-1436 hi dik ta' "Bir iż-Żgħir" qrib ir-raħal, li kellha firxa ta' ħdax-il salma jew 176 tomna.[45] Kien hemm ukoll ġuspatronat imsejjaħ "ta' San Nikola tal-Bindiqi".[46] Jidher minn dokumentazzjoni aktar tardiva, kif għad insemmu, li din l-art kienet fit-triq li tieħu mir-raħal għal Birmiftuħ. Ċerti artijiet li kellhom fuqhom il-piż tad-dieċmi (jew l-egħxur) li riedu jitħallsu lil xi wieħed jew ieħor mit-tliet dinjitarji tal-Katidral, li kienu l-Arċidjaknu, id-Djaknu u l-Kantur, kienu jridu jħallsuhom nies mir-raħal. Fost dawk li riedu jħallsu lid-Dekan insibu, fl-1522, lil Ġanni Gatt li kien jaħdem l-għalqa msejħa "Il-Wileġ ta' Xawwata" u oħra jgħidulha "ta' Ħal Niklus".[47] Fl-1536, l-istess Gatt kien ħa

għalqa oħra minn dawn li kien jisimha "Ta' Bir il-Kbir".[48] Mhux kulħadd kien iħallas fil-pront, u għad għandna listi ta' dawn l-hekk imsejħa *falluti* ta' l-ewwel deċenni tas-seklu XV b'nies mir-raħal, fosthom Bernardu Abdilla jidher kemm il-darba.[49]

Għalkemm għad m'għandniex dokumentazzjoni ċara ħafna dwar dan, jidher li lejn is-seklu XIV, il-Knisja f'Malta kienet diġà organizzata sew. Jidher li l-Knisja rrikonoxxiet il-bidla demografika ta' nuklejizzazzjoni bit-twaqqif ta' ċentri għall-*cura animarum*. Għalhekk, ngħidu aħna, il-bariċentru tal-popolazzjoni tal-qaqoċċa rħula li fosthom hemm Ħal Kirkop twaħħad mal-knisja ta' Birmiftuħ, lokalità mhix mgħammra u li l-eqreb raħal għaliha, il-Gudja, kien fil-fatt diġà beda juri żjieda sostanzjali b'popolazzjoni ta' xi 230 ruħ (riflessa fit-38 raġel tal-Maħras). Għaldaqstant, il-gżira qasmuha fi tnax-il parroċċa jew *cappella* għall-*cura animarum*; minn hawn ġej it-termnu Malti 'kappillan', jiġifieri, dak il-qassis responsabbli mill-*cappella* jew parroċċa. Barra l-Katidral u r-Rabat, dawn kienu n-Naxxar, Birkirkara, Birmiftuħ, Ħal Żebbuġ, Ħal Qormi, Iż-Żurrieq, Is-Siġġiewi, Iż-Żejtun, Ħal Dingli, Il-Mellieħa u l-Birgu. Hekk jissemmew fir-*Rollo de Mello* tal-1436,[50] mhux għax twaqqfu f'dik is-sena, għax Birkirkirkara, ngħidu aħna, diġà tissemma fl-1402.[51]

Kif jirrimarka tajjeb Dun Ġużepp Micallef fil-kitba tiegħu dwar Ħal Safi, hi ferm stramba l-għażla ta' l-irħula li ġew jagħmlu ma' Birmiftuħ, jiġifieri, Ħal Safi, Il-Gudja, Ħal Kirkop, L-Imqabba u Ħal Tarxien – għaliex Ħal Safi ma' Birmiftuħ, u mhux maż-Żurrieq li hu bil-bosta eqreb, tefgħa ta' ġebla biss 'il-bogħod, jew għaliex Ħal Għaxaq maż-Żejtun u mhux ma' Birmiftuħ? Ir-raġuni li jipproponi Dun Ġużepp, u m'għandniex għax noqogħdu nfettqu fuqha sakemm ma tinqalax evidenza ġdida, kienet mhux eżattament il-*cura animarum* li minħabba fiha twaqqfu l-parroċċi, imma l-flus u d-dħul tal-"*primitiae* – l-għotja ta' l-ewwel frott minn wiċċ ir-raba': tomna qamħ u oħra xgħir mingħand kull bidwi".[52] Aktarx li l-qasma saret kif saret biex id-dħul tad-diversi parroċċi jkun ibbilanċjat,[53] hekk li l-bariċentru kien biss wieħed demografiku u mhux ġjografiku.

Aktarx li din l-organizzazzjoni ekkleżjastika ġiet qabel dik ċivili, għaliex it-terminoloġija użata mill-Università, ngħidu aħna fil-lista tal-1450 *ca.* dwar l-importazzjoni tal-qmuħ, li semmejna, hi dik ta' parroċċa, jiġifieri dik stabbilita mill-Knisja. Aktar qrib il-parroċċa ta' Birmiftuħ, hu ferm interessanti li l-Università għamlet l-istess "żball" li kienet għamlet il-Knisja meta fil-lista ta' l-*Angara* ġabret flimkien 'il Ħal Kirkop, L-Imqabba u Ħal Safi, "żball" li

kellu jarġa' jirripeti ruħu b'konsegwenzi mhux żgħar fl-iżmembrament tal-parroċċi lejn tmiem is-seklu XVI. Billi l-Università għad ma hemmx ħjiel tagħha qabel l-1366,[54] ikollna ngħidu li l-qasma f'parroċċi kienet ġrat qabel.

Mhux la kemm taqtagħha min kienu sewwasew il-kappillani ta' Birmiftuħ minn meta jibdew jissemmew. Mir-*Rollo de Mello* jidher li fl-1436 kien hemm ċertu Dun Blasju, li l-anqas kunjomu ma nafu. F'dik is-sena, il-kappillani kollha kienu riedu jagħtu s-servizz tagħhom, il-Katidral. Il-fatt li ismu ma' jidhirx ma' dawk ta' kanonċi u qassisin oħra ta' l-Imdina f'lista aktarx komprensiva tal-1419 jagħtina x'naħsbu li f'dik is-sena kien għadu mhux kappillan. Mis-sena 1474, għandna lista ta' tmien kappillani li l-Università talbet l-għajnuna tagħhom biex jasal messaġġ għand il-parruċċani tagħhom.[55] Mill-ordni ta' kif huma mniżżla ismijiethom - u din l-ordni kienet tfisser preċedenza li kienet ferm rispettata dak iż-żmien -[56] ikollna ngħidu li l-kappillan ta' Birmiftuħ, li jiġi wara in-Naxxar u Birkirkara, kien ċertu Dun Ġilju.

Skond Wettinger, lejn l-1489, kien hemm Dun Antonio Vella, li jissemma in konnessjoni ma' każ ta' konkubinaġġ. Warajh żgur li laħaq Don Gonsalvo Canchur li kellu l-istess problemi;[57] ibnu Mattew kien sar qassis.[58] (Il-Malti jgħid li l-ħuta minn rasha tinten; biżżejjed infakkru li l-papa dak iż-żmien kien ħadd għajr in-notorju Borgia, Alessandru VI). Canchur miet fl-1531. Mingħajr ebda provi dokumentarji, Ġużè Galea jgħid li, bejn l-1522 u l-1539, kappillan f'Birmiftuħ kien hemm Dun Ġakbu Bondin, is-surmast ta' l-iskola tal-grammatka fl-Imdina.[59] Jekk kienx hemm xi Dun Ġakbu Bondin ma rajniex provi, imma li dan kien is-surmast ta' l-iskola ma jistax ikun għax dwar dan għandna informazzjoni dettaljata ħafna li fiha mkien ma jidher li qatt kien qassis.[60]

Wara dan jidher li kien hemm Dun Pankrazju Micallef li laħaq fl-1522 (skond Ferres) jew fl-1539 (skond Galea); fl-1541, dan sar Arċidjaknu tal-Katidral, u l-Isqof Cubelles għamel minn floku lil Dun Ġorġ Farrugia minn Ħal Luqa, ħatra li ma għoġbot xejn lil Micallef, għax ippretenda li xorta waħda seta' jibqa' kappillan ta' Birmiftuħ. Saret protesta formali u Dun Pankrazju għaddiet tiegħu.

Biex tittaffa t-tbatija tal-parruċċani meta l-kappillan-arċidjaknu ma setax ilaħħaq, bdew jinħatru għadd ta' viċijiet, fosthom Patri Franġisk Darmenia u, warajh, fl-1546, Dun Bartilmew Aquilina. Dun Ġorġ Farrugia sar viċi fl-1559.[61] Fl-irħula kien hemm xi qassis jew tnejn; biss, is-sagrament kien jinżamm

f'Birmiftuħ, li kien ta' inkonvenjent kbir għall-parruċċani li pprotestaw bis-sħiħ.[62] F'Ħal Percopu, fl-1575, kien hemm Dun Pankrazju Cafur (jiġifieri Gafà), li lil Mons. Dusina stqarrlu li kulma kien idaħħal għal ħidmietu kienu ħames skudi. Dan Dun Pankraz kien ferm popolari ma' nies ir-raħal, li spiss kienu jaħtruh parrinu tal-Griżma għal uliedhom.[63]

Fl-1575, kappillan kien hemm Dun Bartilmew Mangion, li laħaq mingħajr ebda konkors, kif kien jiġri s-soltu, meta l-Arċidjaknu Micallef irrinunzja għall-kappellanija favurih. Hekk stqarr quddiem Dusina Dun Bartilmew.[64] Skond Ferres,[65] din ir-rinunzja seħħet fl-1570, u l-arċidjaknu miet fit-2 t'Awwissu 1578. Dun Bartilmew Mangion miet fit-23 ta' Mejju tal-1592. Fid-29 ta' l-istess xahar, qabel il-ħatra ta' kappillan ġdid li kien ikun jista' jiqaflu, l-Isqof Gargallo, mixgħuf mill-Maltin u l-piki parrokkjali tagħhom, fatam it-tliet irħula ta' Ħal Kirkop, Ħal Safi u l-Imqabba minn Birmiftuħ u għaqqadhom f'parroċċa waħda fil-knisja ta' San Ġakbu l-Kbir, fit-triq bejn Ħal Kirkop u Ħal Safi.[66]

Bħal f'kull naħa oħra rurali tal-gżira, f'Ħal Kirkop u madwaru kont issib għadd ta' kappelli jew knejjes żgħar. Il-għadd kbir tagħhom – aħjar ngħidu għadd sproporzjonat għad-daqs tal-gżira – jibda jintlemaħ tajjeb l-ewwel fir-rapport tal-Viżta Appostolika li Mons. Pietru Dusina kien għamel fl-1574-75.[67] Minn dawn il-knejjes rurali Dusina jsemmi aktar minn erba' mija, li ħafna minnhom kellhom jiġu pprofanati għax kienu dilapidati u fi stat ħażin, li tfisser li kienu jeżistu hemm ħafna qabel. Jekk inqisu li fil-bidu tas-seklu XVI, il-popolazzjoni tal-gżira kienet qrib l-20,000,[68] allura jfisser li kien hemm knisja għal kull ħamsin ruħ fil-gżira! Dawn il-knejjes ma setgħux inbnew kollha għall-konvenjenza tal-kult tan-nies ta' madwar, għax mill-piżijiet ta' quddies u għosrien marbutin magħhom jidher li dawn kienu jinfetħu biss xi darba jew darbtejn fis-sena, aktarx nhar il-festa tagħhom u forsi lejlietha. Barra minn hekk, l-għadd ta' qassisin f'dak iż-żmien biex iservu fihom kien għal kollox inadekwat. Biżżejjed ngħidu li, jekk nieħdu l-parroċċa ta' Birmiftuħ bħala eżempju, fl-1575, kien hemm biss tliet qassisin u mhux anqas minn 56 knisja.

Il-vera raġuni għal dan l-għadd sproporzjonat għaldaqstant irridu nfittxuha x'imkien ieħor. Luttrell jissuġġerixxi li r-raġuni kienet aktarx waħda politika fi żmien meta l-gżira kienet għadha ħierġa mill-era Islamika,[69] meta kien konvenjenti għal min kellu r-raba' li "jxejjer il-bandiera" Nisranija;[70] ma ninsewx li ħafna mill-bdiewa kienu oriġinarjament Misilmin konvertiti li tħallew jibqgħu fil-gżira, fil-pussess tal-egħlieqi tagħhom, u ma ġewx eżiljati f'Luċera ma' dawk li webbsu rashom u baqgħu jħaddnu dinhom, proprju għax

qalbu Nsara. U x'hemm aktar konvinċenti biex "ixxejjer il-bandiera" Nisranija milli tibni niċċa jew kappella f'nofs ir-raba' tiegħek?

Meta Mons. Dusina żar Ħal Kirkop fit-8 ta' Frar, 1575, sab li fih kien hemm ħamsin dar u allura popolazzjoni ta' qrib il-250 ruħ.[71] Hu jiddeskrivi l-knejjes li sab fir-raħal u madwaru bla ma jagħmel ebda referenza għall-knisja ta' Sant'Anastasja li ssemmiet fl-1498, u lanqas ma jaċċenna għal knisja oħra dedikata lil San Ġwann li tissemma f'atti notarili tal-1535 u qabel.[72] L-ewwel ma żar kienet il-knisja ta' l-Assunta li jgħid li kellha altar wieħed fin-nofs bi xbiha tal-Madonna impittra fuq l-injam (ikona), imma li dil-knisja kienet miftuħa beraħ għax l-anqas bibien ma kellha.[73] Biss, mid-dħul ta' biċċa raba' fl-inħawi ta' Marsaxlokk li qabel kienet f'idejn Kola Ellul u li fl-1575 kien jagħmel minnha Wenzu Cassar, dan Cassar kien marbut jara li jsir quddies f'nhar il-festa u f'lejlietha, li jixgħel il-lampier kif ukoll li jitma l-fqar tar-raħal dakinhar; din kienet drawwa sabiħa komuni ħafna dak iż-żmien.

Dakinhar stess, Dusina żar ukoll il-knisja prinċipali tar-raħal, jiġifieri, dik ta' San Anard. B'kuntrast ma' dik ta' qabilha, sab li din kienet kbira biżżejjed u miżmuma tajjeb – *ampla et decens* – b'ikona fuq l-injam fuq l-altar tan-nofs u li l-art kiennet iċċangata bil-franka. Il-knisja kienet ukoll tippossedi artijiet b'piżijiet ta' quddies fuqhom: Indrì Mangion kellu għalqa f'Tal-Baqqari, li mill-introjti tagħha kellu jara li jsir l-għasar u quddies fil-festa u lejlietha, u li jinxtegħel il-lampier fil-festi. Kellu wkoll jagħti liċ-ċelebrant, jiġifieri lill-Kappillan ta' Birmiftuħ, serduk, ħbiżtejn u nbid. Biss, il-knisja ma kellhiex rettur, u kienet nieqsa minn introjti u ħwejjeġ meħtieġa oħra. Fiha, fuq in-naħa tal-lemin, kien hemm altar ieħor dedikat lill-Assunta. Fuq dan l-altar Ġakbu Mangion kien jieħu ħsieb li jingħad l-għasar u li jsir quddies fil-festa; biss, Dusina ma rnexxilux jiskopri jekk dan kienx qed jagħmlu b'devozzjoni personali jew b'obbligu.[74]

Ġewwa r-raħal, dakinhar Dusina żar ukoll il-Knisja tal-Lunzjata (li hemm ftit il-bogħod mill-parroċċa). Din sab fiha altar, u kienet tingħalaq b'bibien ta' l-injam, imma ma kellha ebda rettur jew introjti. Nies ir-raħal, b'devozzjoni, kienu jieħdu ħsieb li kultant issir xi quddiesa fiha.[75] Fil-limiti tar-raħal, nofs triq bejn Ħal Kirkop u Ħal Safi, kien hemm knisja dedikata lil San Ġakbu li Dusina sabha fi stat tajjeb, tingħalaq b'bieb ta' l-injam u li, għalkemm la kellha rettur u lanqas introjti, kien jieħu ħsiebha Indrì Mangion minn Ħal Kirkop. Kienet milħuqa kemm minn nies ta' Ħal Safi kif ukoll minn ta' Ħal Kirkop, li

kienu jmorru hemm għall-festa u, għaldaqstant, meta twaqqfet il-parroċċa ġdida fl-1592, li kellha tħaddan it-tliet irħula ta' L-Imqabba, Ħal Safi u Ħal Kirkop, din il-knisja kien għażilha l-Isqof Gargallo bħala l-knisja parrokkjali l-ġdida. Eqreb lejn Ħal Kirkop, imma n-naħa l-oħra fit-triq li tieħu lejn Birmiftuħ, kien hemm knisja oħra dedikata lil San Nikola, li kien jieħu ħsiebha wkoll l-istess Indrì Mangion (li kien jieħu ħsieb żewġ knejjes oħra); dan kien jara li jingħad l-għasar u jsir quddies nhar il-festa mid-dħul ta' xi raba'.[76]

Xi drabi, dawn il-knejjes kienu jinbnew biex fihom jindifnu min ikun bniehom u l-familja tiegħu; biss, f'dawn ta' Ħal Kirkop, ma ltqajniex ma dokumentazzjoni dwar dfin. Aktarx li nies ir-raħal kienu jagħżlu li jindifnu f'Birmiftuħ, bħal ma ġara fil-każ ta' Pietru Hellul imlaqqam "Bruri", iben Nardu jgħidulu "Rajdu". "Il-Bruri", li, kif rajna, kien tat-tajjeb, kien ħallas għal qabar f'Birmiftuħ b'ċerti obbligazzjonijiet. Min ma kienx jiflaħ iħallas bħalu kien jindifen fil-ħamrija – *cadavera humo revoluta* - drawwa li saħaq kemm felaħ kontra tagħha Dusina li ried li l-oqbra jkunu kollha mibnija - *tumbe concamerate.*

**Il-Miġja ta' l-Ordni f'Malta**

Mal-miġja ta' l-Ordni ta' San Ġwann f'Malta fl-1530, l-organizzazzjoni muniċipali inbidlet mill-qiegħ. Ix-xwejħa Mdina ngħatat il-ġenb, u l-Ordni stabbilixxa ruħu fil-promontorju tal-Birgu u Sant'Anġlu, fejn waqqfu s-sede tal-gvern. Deċiżjoni bikrija li laqtet lill-Maltin kienet il-qasma fi tnejn tal-gżira: muniċipalità taħt l-Imdina, li tħalliet iżżomm il-parroċċi tar-Rabat, Ħal Dingli, Birkirkara, In-Naxxar, Ħàl Żebbuġ u S-Siġġiewi, u oħra taħt Il-Birgu bil-bqija tal-parroċċi, fosthom Birmiftuħ. Għalkemm ix-xquq tal-firda kienu jinxtammu sa mill-1532, il-firda sħiħa ħadet xi għoxrin sena biex seħħet għal kollox. Li din ma għoġbot xejn lill-Maltin jidher mill-protesta li saret mill-Università ta' l-Imdina lill-Gran Mastru fit-30 ta' Mejju, 1553.[78] L-anqas ma jidher li nstab ħafna appoġġ għall-ideja għall-ewwel f'xatt il-port, għax għadd ġmielu tal-ġurati li nħatru fl-Università tal-Birgu kienu stranġieri Rodjoti li ġew ma' l-Ordni, u ftit li xejn Maltin.[79]

Kif igħid il-Malti, "kulħadd jiġbed għal xawwattu": l-Ordni ħasbet għal rasha u l-Maltin approfittaw irwieħhom mis-sitwazzjoni ġdida biex iġibu żewġ dak li kienu ilhom jistinkaw għalih is-snin u qatt ma seħħilhom jiksbu. Id-dritt tal-*primitiae* (l-ewwel frott) kien piż antik tal-knisja li kien ilu jagħfas fuq il-bdiewa għal sekli. Il-kappillan kellu d-dritt jesiġi mingħand kull familja kull sena tomna qamħ u oħra xgħir kif ukoll wiżna qoton fuq kull ras. Il-Maltin kienu ilhom jaraw kif setgħu jeħilsu minn dan it-toqol żejjed, u saħansitra kienu kitbu lir-Re Ferdinandu dwar dan, iżda kollox kien għal xejn.[80]

Mal-wasla tal-Kavallieri, billi issa l-Gvern Ċivili kien ukoll fl-istess waqt Ordni Reliġjuż, il-Maltin ħasbu li sa fl-aħħar kienet ġiethom ix-xoqqa f'moxtha u setgħu jġibuha żewġ. Għalhekk, minnufih, ftit xhur biss wara li l-Gran Mastru kien rifes l-art, kitbulu ittra ta' protesta fit-13 t'Awwissu, 1531, biex jidħol għalihom hu. Din il-protesta iffirmawha għadd kbir ta' rġiel minn kull parroċċa, fosthom dik ta' Birmiftuħ. Fost dawn il-firmitarji minn din il-parroċċa insibu lil Santoru Hellul, Ġorġ Mellechi, Salvu Borg, Markisju Vella, Wistin Schembri, Mattew Mallia, Lenzu Hellul, Pietru Paci, Ġanni Vella, Duminku Bonnici, Ġanni Mallia u Ġanni Hellul, li ffirmaw f'isimhom u f'isem in-nies l-oħra kollha tal-parroċċa.[81] Il-qawwa ta' protesta daqshekk ġenerali u hekk kmieni għall-ewwel ħasdet lill-Gran Mastru u ċedihielhom lill-Maltin; iżda fl-aħħar rebaħ il-kontro-protest tal-kappillani u l-*primitiae* kellhom jibqgħu jitħallsu.

Il-miġja ta' l-Ordni fissret ukoll li beda jonfoħ riħ ta' bidla kulturali u intellettwali. Ir-riefnu tar-riforma kien fl-eqqel tiegħu fl-Ewropa, u jekk qabel l-1530 qajla kien jinħass f'dawn il-gżejjer, mal-wasla tal-Kavallieri nibtu bosta xejriet eretiċi, l-aktar Luterani. Il-qalba tal-maġmar kienet fil-Birgu, iżda x-xrar ma damx ma nfirex lejn l-Imdina u saħansitra tkebbes f'xi raħal 'l hawn u 'l hemm, bħal ma ġara s-Siġġiewi, li sa dak iż-żmien kienu għadhom jitniegħsu mxaħxħa u mħeddla fir-raqda medjevali. Il-qiegħa kienet imħejjija sew, u dawn l-idejat ġodda sabu art għammiela u mdemmla tajjeb. Il-Knisja kienet għaddejja minn żmien ikreh: l-idejali Nsara kienu tgħajbu u ttappnu; il-konkubinaġġ tal-kleru kien komuni; kien hemm klima ta' materjaliżmu maħkuma minn preokkupazzjoni żejda bil-ġid ta' l-art; in-nepotiżmu fejn kienu jidħlu benefiċċji ekkleżjastiċi kont taqtgħu b'sikkina. Sal-1530, l-isqof qajla kien jersaq 'l hawn.

Biex tieqaf xi ftit 'l dawn il-ħalel li heddew joħonquha, il-Knisja waqqfet l-Inkwiżizzjoni f'dawn il-gżejjer li seħħilha tliġġem il-mewġa Luterana billi saħqet b'determinazzjoni 'l kull min hedded is-safa tar-reliġjon Nisranija. Fost il-ħafna qassisin li kisru difrejhom ma' l-Inkwiżizzjoni, kien hemm il-kappillan tas-Siġġiewi, Dun Indrì Axiaq, u għadd ta' studenti tiegħu li kienu jattendu l-iskola tiegħu. Jekk ma jissemma ħadd minn Ħal Kirkop fost dawk li ġew mixlija quddiem l-Inkwiżitur, dan jindika li ma setax kien hemm ħafna nies intellettwali fir-raħal dak iż-żmien, billi l-maġġoranza tan-nies li tressqu quddiemu taħt dawn l-akkużi kienu aktarx minn fost l-*intelligentsia* tal-gżira li fosthom xterdu dawn l-idejat. Ma jfissirx li f'Birmiftuħ dawn il-ġrajja ma ħallewx l-impatt tagħhom. Ferm interessanti hu l-każ ikkwotat minn Dun Ġużepp Micallef ta' tfajjel ta' ħmistax-il sena minn dil-parroċċa li fl-1635 hedded lil ommu li jaqleb Luteran.[82]

Il-miġja ta' l-Ordni suppost li fissret sigurtà akbar għall-gżejjer Maltin. Iżda ma kien xejn minn dan għall-ewwel, għax il-Mislem, li seħħlu jaqla' x-xewka minn dahru meta qalfat l-Ordni 'l barra minn Rodi fl-1522, issa dawwar ħarstu lejn dawn il-gżejjer biex jeqred il-Kavallieri darba għal dejjem mill-Mediterran. Għalhekk nintebħu mid-dokumenti, li wara l-1530, l-attakki mhux talli ma naqsux, imma ħraxu fil-għadd u fil-qawwa, u laħqu l-qofol tagħhom fiż-żewġ invażjonijiet kbar tal-1551 u tal-1565. F'ta' l-ewwel ikkonċentraw fuq Għawdex minn fejn seħħilhom ikaxkru fil-jasar tista' tgħid 'l Għawdxin kollha,[83] it-tieni fallielhom wara ġlieda qalila. L-eku tagħhom it-tnejn inħass f'Ħal Kirkop.

Għall-fidwa tal-Għawdxin darbtejn inġabru flus minn kull parroċċa ta' Malta, inkluż Birmiftuħ. L-offerti setgħu jsiru kemm fil-knisja parrokkjali kif ukoll fil-Knisja tal-Madonna ta' Loretu. Fl-20 t'April, 1552, inġabru erbatax-il skud u rbiegħi wieħed, filwaqt li fit-tieni ġabra, fit-18 ta' Ġunju, l-offerti laħqu disa' skudi, tmien irbajja' u ħabba. Il-Maltin twerwru wara dan l-ewwel ħbit, u ħafna rħewlha lejn Sqallija 'l bogħod mill-periklu.[84] Ma għaddiex wisq żmien li ma waslitx l-aħbar li t-Torok kienu qed iħejju għal xi ħaġa bil-wisq agħar. L-Ordni ħaffet tagħmel ilqugħ isħaħ u ħejjiet ruħha mill-aħjar li setgħet għal dak li kellu jibqa' jissemma bħala l-Assedju l-Kbir.

Il-qlugħ ibajjad tal-għadu mela nofs ix-xefaq kmieni mas-sebħ tal-Ġimgħa, 18 ta' Mejju, u bil-qajla l-qajla resaq u ntasab biswit ix-xtajtiet ta' l-Imġarr u Għajn Tuffieħa. Dan ta lill-Maltin x'jaħsbu li l-ewwel ma kienet se dduqha kienet l-Imdina, l-aktar dgħajfa fost il-bliet imsaħħa bis-swar. Tal-parroċċa ta' Birmiftuħ, flimkien ma' ħafna oħrajn, irħewlha lejn il-fortifikazzjonijiet ġodda tal-Birgu. Hekk insibu fosthom lil Margarita Tonna, armla minn Ħal Safi, li kellha żewġ uliedha miżżewġa, waħda Ħal Kirkop u l-oħra S-Siġġiewi, li malli waslitilha l-aħbar ħażina, telqet kollox malajr u marret għalihom fuq żiemel bil-karettun, u rat kif jinġabru magħha f'dar waħda l-Birgu.[85] Man-nisa, xjuħ u tfal ta' Birmiftuħ marru wkoll l-irġiel tal-battaljun tal-parroċċa li kienu jgħoddu 560, uħud biż-żwiemel u l-bosta bir-riġel, li kienu taħt it-tmexxija tal-Kaptan Fra Antoine de Gillars Montmar.[86]

Min kien laħaq fittex il-kenn wara s-swar ta' l-Imdina tatu rasu u malajr intbagħtet delegazzjoni mill-Università, immexxija minn Luqa d'Armenia, għand il-Granmastru biex ifittex isaħħaħ il-qawwiet tal-Belt il-Qadima. Biex iserraħ ras il-Maltin, De Valette bagħat minnufih ir-riġmenti ta' Birkirkara, Ħal Qormi, Iż-Żejtun, Iż-Żurrieq u Birmiftuħ – madwar 2370 raġel b'kollox biex, flimkien mal-kavallerija ta' Fra Melchior d'Eguaras, iservu hemm taħt il-kmand ta' Fra Pedro Mezquita. Fil-fatt, il-kavallerija kollha kienet stazzjonata

l-Imdina.[87] Dawn ir-rinforzi qattgħu fl-Imdina l-ewwel xahar ta' l-Assedju għax, mal-waqgħa tal-Forti Sant'Jiermu, il-preżenza tagħhom kienet aktar meħtieġa l-Birgu u l-Isla. Il-Battaljun ta' Birmiftuħ ġie assenjat il-posta fl-Isla li tħares lejn Kordin.

It-Torok ma seħħilhomx jeħduha 'l Malta, iżda meta telqu ħallew warajhom ħerba sħiħa l-aktar fir-raba', għax qirdu kull ma sabu. Għal żmien twil wara, bosta bdiewa Maltin baqgħu jsusu wara l-awtoritajiet biex jieħdu xi kumpens għall-ħsarat li kienu ġarrbu. Mhux biss, imma kellhom ukoll idaħħlu idhom fil-but u jaqilgħu sa l-inqas ħabba biex jagħmlu tajjeb għall-ħsarat li kienu ġarrbu s-swar tal-Birgu u ta' l-Isla f'każ li kellu jkun hemm xi ħbit ieħor kif kien hemm il-biża' li jsir. Sentejn wara l-Assedju, naraw li l-Università tal-Birgu kienet laqqgħet Kunsill Ġenerali fis-16 ta' Settembru, 1567, li għalih attendew il-kuntistabbli kollha ta' l-irħula li kienu jagħmlu minn dik l-Università, fosthom Ħal Kirkop – li kien hemm jirrappreżentah il-kuntistabbli Filippu Farrugia (li ġa ltqajna miegħu) – fejn ġie deċiż li ssir taxxa għal sena sħiħa fuq il-ħwejjeġ ta' l-ikel biex jinġabru l-flus meħtieġa għal dan il-għan.[88]

Hu minnu li l-assedju sewa lil Malta bosta; biżżejjed ngħidu li terz tal-popolazzjoni ntilfet. Imma kien ukoll ta' barka mhux biss għall-Kristjanità, imma speċjalment għall-gżira. Jekk sa dik is-sena l-Kavallieri kienu għadhom itellgħu u jniżżlu jekk joqogħdux hawn, l-Assedju l-Kbir servihom tad-daqtejn ta' ħarta li kellhom bżonn biex jiġu f'tagħhom u jaqtgħuha darba għal dejjem li joqogħdu. Bilkemm laħaq intemm il-ġlied li ma ngaġġawx l-aqwa arkitetti u inġinjiera ta' l-Ewropa biex iwettqu proġett li kien ilu jiġma' t-trab fuq l-ixkaffi ta' l-Ordni: il-bini ta' belt ġdida fuq il-Għolja Xiberras, dik il-muntanja li switilhom tant dmija matul l-assedju għax kienet f'idejn l-għadu.

Ix-xogħol fuq il-Belt beda b'ritmu qawwi bil-qtugħ ta' foss enormi, bil-bini ta' swar felħana li ħażżmu dak l-ilsien art dawra mejt, bil-qsim ta' l-art u l-bini ta' palazzi majestużi hekk li l-ħaddiema Maltin inbelgħu kollha u ħteġilhom jimpurtaw għadd ġmielu ta' ħaddiema oħra barranin. Tant kien mexa x-xogħol, li fi żmien ħames snin biss minn tmiem il-ġlied, l-Ordni kienet lesta ġġorr mill-Birgu u taqsam il-Port biex twaqqaf is-sede tagħha fil-Belt il-Ġdida fl-1570. Issa kien beda żmien ġdid għal Malta, żmien ta' prosperità kbira, ta' xogħol, ta' progress, ta' bidla fl-istil fil-ħajja. Din il-belt kienet attrazzjoni kbira wisq għall-Maltin li bdew ġejjin bi ħġarhom igħammru fil-kenn ta' swarha u qrib il-post tax-xogħol ġdid f'industrji ġodda madwar il-Port.

Din il-bidla radikali fissret telfien għal ħafna mill-irħula, l-aktar dawk li kienu l-iżgħar bħal Ħal Kirkop. Il-popolazzjoni ta' Malta kibret ferm, hekk li sa tmiem

żmien l-Ordni kienet laħqet ħames darbiet daqs li kienet fl-1530. Imma kienet ukoll spustjat ruħha għax mhux anqas minn 37 fil-mija minnhom kienu ġew joqogħdu madwar il-Port.[89] Minkejja dan it-tkattir, u billi n-nies iċċaqalqu ħafna, Ħal Kirkop ma satax jieħu ruħ, u għal tul dan iż-żmien kollu, il-popolazzjoni tiegħu żammet medja ta' mhux iżjed minn 276, u ġie li niżlet ukoll sa 221 (f-1721).[90]

Imma żgur li l-akbar avveniment għal Ħal Kirkop f'dan iż-żmien kien it-twaqqif tal-parroċċa. Kif ġa rajna, sewwa sew wara l-mewt tal-kappillan ta' Birmiftuħ, Dun Bartilmew Mangion fit-23 ta' Mejju, 1592, l-Isqof Gargallo għaġġel joftom l-irħula ta' Ħal Tarxien, Ħal Safi, Ħal Kirkop u L-Imqabba mill-matriċi tagħhom qabel jaħtar lil Dun Gaspar Grixti bħala kappillan ġdid, li sata' jfixklu. Lil Ħal Tarxien waqqfu bħala parroċċa għalih, imma lit-tliet irħula l-oħra waqqafhom f'parroċċa waħda flimkien, għalihom, fil-Knisja ta' San Ġakbu, fid-29 ta' Mejju ta' dik is-sena. Bħala kappillan qiegħed liż-żagħżugħ Dun Karlu Taliana, qassis ta 29 sena. Ta' Ħal Kirkop kienu moqdijin, imma dil-biċċa ma għoġbot xejn lil taż-żewġ irħula l-oħra li pprotestaw kemm felħu ma' l-isqof u xtaqu li jibqgħu magħqudin ma' Birmiftuħ; għax li riedu tabilħaqq kien li jkunu għal rashom.

Biex iberred xi ftit il-qiegħa, fl-24 ta' Jannar, 1593, l-isqof ħareġ digriet ġdid li bih kemm Dun Gaspar Grixti u kemm Dun Karlu Taliana kellhom jibdew iservu t-tnejn minn Birmiftuħ, imma ta' Ħal Safi u l-Imqabba kellhom jistennew aktar minn ħames snin oħra sakemm l-istess isqof, sa fl-aħħar, fl-1598, tahom dak li dejjem xtaqu u nqatgħu f'parroċċi għalihom.[91] Rikordju prezzjuż ta' dan iż-żmien bikri tal-parroċċa hu l-fonti tal-magħmudija tal-ġebel li jġib id-data 1594 u li jinsab miżmum fil-bitħa tad-dar tal-kappillan (ara ritratt, p. 47). Tassew jixraqlu aħjar u li jkun iċ-ċentru ta' mużew parrokkjali u mħares mill-kapriċċi tat-temp.

**Stanley Fiorini huwa Professur tal-Matematika u Kap ta' l-istess suġġett fl-Università ta' Malta. Fl-istess waqt, il-Professur Fiorini qiegħed jagħti kontribut kbir lill-Istorja ta' Malta, speċjalment bl-istudju tiegħu fuq manuskritti notarili u oħrajn, kif ukoll bit-traskrizzjoni u l-pubblikazzjoni ta' l-istess manuskritti.*

*Kienet ix-xewqa tal-Professur Fiorini stess li l-ortografija Maltija kif ippreżentaha hu ma tinbidilx, u għalhekk ma tirriflettix l-opinjoni ta' l-editur.*

## Noti

[1] *Journal of Maltese Studies* **19-20** (1989-90) 58-61.

[2] Għal dawn u interpretazzjonijiet oħra, ara G. Wettinger, *Place-Names of the Maltese islands ca. 1300-1800* (P.E.G., Malta, 2000).

[3] S. Cusa, *I Diplomi Greci ed Arabi di Sicilia* (Palermo, 1868-82; edizzjoni faksimile Böhlau, Vjenna, 1982) **505** (vv. 3, 4): *Bin Safi*; kif ukoll *ibid.* **181** (v. 4) (15.5.1182)): *Casale Safi/ Rahal Safi.*

[4] M. Amari, *Biblioteca Arabo-Sicula*, **1** (Loescher, Turin-Ruma, 1880; faksimile Dafni 1982) 53.

[5] G. Wettinger, 'The Militia List of 1419-20', *Melita Historica* 5.2 (1969) 80-106.

[6] G. Wettinger, 'The Lost Villages and Hamlets of Malta', f'A.T. Luttrell (ed.), *Medieval Malta. Studies on Malta before the Knights* (The British School at Rome, Londra, 1975) 181-216.

[7] S. Fiorini, *Documentary Sources of Maltese History. Pt. II: Documents at the State Archives, Palermo. 1: Cancelleria Regia (1259-1400)*, (Malta University Publications, Malta, 1999) Doki. **200, 214, 246.**

[8] Arkivju tan-Nutar, Valletta [=**ANV**] Not. B.S. de Via **R439/20**, f. 77$^{v}$ (17.9.1536): *Simon Siclona de Casali Corcop*; *ibid.* **R439/21**, f. 36 (20.11.1536): *Blasio Darmania de Casali Carcop*; *ibid.* **R39/24**, f. 33 (28.8.1537): *Antoni Randu de Casali Carchop.*

[9] ANV **R229/1**, f. 888$^{v}$ (5.2.1591).

[10] ANV Not. G. Bondin **R69** n.p. (14.3.1523): *Rahal Pirchipulli*; *ibid.* Not. G. Buttigieg **R105/6**, f. 384$^{v}$ (5.7.1539): *Rahal Kirchipulli.*

[11] Bibljoteka Nazzjonali, Valletta [=**BNV**], *Archivum Ordinis Melitae* [=**AOM**] **429** (*Liber Bullarum*), f. 241 (17.7.1561).

[12] ANV Not. P. Bonello MS. **588**, f. 3$^{v}$ (12.11.1467): *de voytu* ***chinu***; S. Fiorini, *The 'Mandati' Documents at the Archives of the Mdina Cathedral, Malta: 1473-1539* (Malta, 1992), Misc. **36**, f. 50 (20.8.1484): *non* ***sachu*** *scriviri*; ANV Not. D. Portelli **R399/7**, f. 308$^{v}$ (traskrizzjoni tas-seklu sbatax ta' testment datat 1510): *li* ***chiu*** *poviri.*

[13] Ara S. Fiorini, 'The Municipal Councils in the Maltese Islands: 1530-1798', *Heritage* (*Supplement*) (Malta, 1993) 13-24, speċ. n. 1.

[14] G. Wettinger, 'The place-names and the personal nomenclature of Gozo: 1372-1600', *Oriental Studies. Edition in Honour of Benedikt S.J. Isserlin* (1980) 173-98, speċ. 177.

[15] BNV Univ. **13**, f. 241$^{v}$ (11.3.1544): *Joannes Curmi Dirbes.*

[16] Ippublikata minn G. Wettinger, 'The Militia Roster of Watch Duties', *Journal of the Armed Forces of Malta* **32** (1979) 25-42.

[17] G.F. Abela, *Della descrittione di Malta isola nel mare siciliano* (Bonacota, Malta, 1647) 109.

[18] M. Fontenay, 'The Mediterranean 1500-1800: Social and Economic Perspectives', f' V. MalliaMilanes (ed.), *Hospitaller Malta: 1530-1798* (Mireva, Malta, 1993) 60.

[19] BNV Univ. **13**, f. 220$^{v}$ (10.4.1542).

[20] MCM ACM Misc. **36**, ff. 211$^{rv}$ (21.7.1561) u BNV Univ. **13**, f. 359 (23.6.1561).

[21] BNV Univ. **13**, f. 299$^{v}$ (5.2.1552). Sal-1550, kien hemm Pietru Xicluna li kellu jċedi postu f'dik is-sena meta mar joqgħod barra r-raħal; kien laħaq floku Termu Xicluna: *ibid.* f. 277$^{v}$ (5.6.1550).

[22] Wettinger, *Acta Juratorum*, Dok. **406** (28.2.1471). Ftit wara, kien hemm ordni biex dan jitwettaq mingħand il-Viċirè Lop Ximen D'Urrea bid-data 28.7.1472: *ibid.* Dok. **681** (20.9.1477): *digiano interviniri sindaki da li parrochi czoe unu per chasquiduna parrocha.*

[23] *Ibid.* Dok. **466**.

[24] *Ibid.* Dok. **25**.

[25] S. Fiorini, 'Siġġiewi During the Knights' Period', *Humanitas: Journal of the Faculty of Arts*, **2** (2000) (għad jidher).

[26] Il-manuskritt tal-minuti għas-snin 1450-1499 (BNV Univ. **11**) ġie ppublikat minn G. Wettinger, *Acta Juratorum et Consilii Insulae Maltae* (Palermo, 1993) Dok. **952**.

[27] Il-minuti tal-Kunsill għas-snin 1512-1530: BNV Univ. **12**, f. 338 (9.9.1523).

[28] S. Fiorini, *Documentary Sources of Maltese History. Pt. I: Notarial Documents. 1: Notary Giacomo Zabbara (1486-1488)* (Malta University Publications, Malta, 1996) Dok. **65** (28.11.1486).

[29] *Ibid.* Doki. **111**, **112**.

[30] Fiorini, *Mandati*, *Index of Names*, *s.v.* "Canchur".

[31] S. Fiorini, 'Notaries and Notarial Practice in Medieval Malta to 1500' (għad jidher).

[32] ANV Not. C. Canchur **R140/7**, f. 169$^{v}$ (8.3.1518).

[33] Wettinger, *Acta Juratorum*, Dok. **274** (11.1.1468).

[34] BNV Univ. **12**, f. 66$^{v}$ (12.5.1514).

[35] *Ibid.* f. 45$^{v}$ (23.9.1513).

[36] ANV Not. C. Canchur **R140/8**, f. 107 (18.4.1520) u f. 105 (23.3.1519).

[37] Dan Xicluna aktarx kien ukoll il-kuntistabbli li kellu jċedi postu meta llarga mir-raħal fl-1550: ara n. 22, *supra*.

[38] *Ibid.* **R140/12**, f. 26$^{v}$ (23, 24.12.1525); f. 40 (30.12.1525).

[39] *Ibid.* f. 51$^{v}$ (1.2.1529).

[40] *Ibid.* **R140/1**, f. 149 (1.3.1502).

[41] *Ibid.* **R140/2**, ff. 174$^{v}$-5. "Ftajjar" kien laqam; Lenzu "l-Ftajjar" kien karattru mill-Imqabba (MCM ACM Prebende Decanali (1522) MS. **6**, ff. 70, 73).

[42] ANV Not. G. Buttigieg **R105/2**, f. 352 (17.7.1535).

[43] ANV Not. C. Canchur **R140/1**, f. [215] (27.1.1503). Dawn l-egħlieqi jsemmihom ukoll in-nutar Grazzjan Vassallo (**R464/2**, f. 168 (20.1.1522)).

[44] Fuq dan l-aspett, ara l-istudju tajjeb ħafna tal-Professur Wettinger, 'Agriculture in Malta in the Late Middle Ages', *Proceedings of History Week 1981* (Malta, 1982) 1-48, speċ. 15-21.

[45] Abela, 314; MCM ACM Preb. Canonicali **1**, f. 165.

[46] MCM CEM/RA *Registrum Varium* (1431-1565), f. 72$^{v}$ (20.2.1544). Ta' min jinnota li "Bindiqi" kienet il-forma Għarbija għal "Venezjan" (ara M. Amari u C. Schiaparelli (edi.) *Idrisi, L'Italia Descritta nel Libro di Re Ruggiero*, Ruma, 1883, *Indici*), u li kien ukoll kunjom hawn Malta kif jidher fil-lista tal-milizzja ta' l-1417, f. 12. L-isem "Milqi", f'San Pawl Milqi, mhux għajr korruzzjoni ta' "Bindiqi".

[47] MCM ACM Prebende **6** (Decanali, 1522), f. 70$^{v}$.

[48] *Ibid.* **5** (Decanali, 1536), f. 46.

[49] MCM CEM *Quaderni Diversi* **B**, f. 5ᵛ; **C**, f. 8ᵛ u **D**, f. 4.

[50] BNV Lib. MS. **721**, ff. 2-4ᵛ, ippublikat parzjalment f'Abela, 313-6.

[51] A.T. Luttrell, 'The Cappella of Birkirkara: 1402', *Melita Historica*, **8**.2 (1981) 156-60.

[52] A. Mifsud, 'Sulle Nostre Decime', *La Diocesi* **1** (1916-17) 172-4, Dok. **2**.

[53] G. Micallef, *L-Istorja ta' Hal Safi* (Indipendenza, Malta, 1980) 8.

[54] Fiorini, *Cancelleria*, Dok. **17**.

[55] Wettinger, *Acta Juratorum*, Dok. **571** (4.9.1474).

[56] Dwar it-tilwim bejn il-parroċċi tan-Naxxar u ta' Birkirkara fuq preċedenzi, ara S. Fiorini, 'Naxxar before the Knights', f'P. Catania u L.J. Scerri (edi.), *Naxxar-A Village and its People*, (Gutenberg, Malta, 2000) 65-108.

[57] G. Wettinger, 'Concubinage among the clergy of Malta and Gozo *ca.* 1420-1550', *Journal of the Faculty of Arts* **6**.4 (1977) 165-88. Canchur jidher fiż-żgur li kien Kappillan ta' Birmiftuħ fl-1504: MCM ACM *Minuti Capitolari* **1**, ff. 10ʳᵛ (28.6.1504).

[58] ANV Not. B. Caxaro **R175/9** (30.8.1542) 641: *Presens venerabilis donnus Matheus Canchur... confessus est quondam reverendum donnum Consalvum Canchur donavisse quondam Antonio Canchur suo filio naturali fratri dicti exponentis... tenore contractus celebrati manu Petri de Alaymo die xxv junij 8e indiccionis 1506.*

[59] J. Galea, *Storja tal-Knisja ta' Birmiftuħ* (Lux, Malta, 1946) 32.

[60] Fiorini, *Mandati, passim.*

[61] G. Micallef, *Hal Luqa, Niesha u Ġrajjietha* (Veritas, Malta, 1975) 15.

[62] *Ibidem.*

[63] MCM CEM *Confirmationes* (1560-1575), ff. 262-91 (Birmiftuh, 1575).

[64] Archivio Segreto Vaticano [=**ASV**], *Visite Apostoliche, Visitatio Dusina* 1575, f. 239ᵛ.

[65] Ferres, 351.

[66] ANV Not. G. Debono **R207/3**, ff. 42ᵛ-5 (16.9.1595): *cum alias in provisione ecclesie parrochialis Casalis Birmiftuh tunc vacantis ob mortem quondam Rev[eren]di D[omi]ni Don Bartholomei Mangion ultimi rectoris sive curati eiusdem parrochialis ecclesie Admodum Ill[ustr]is et R[everend]us D[omin]us Frater Don Thomas Gargallus Dei et ap[osto]lice Sedis gratia ep[iscop]us meli[vetan]us et regius consiliarius ac commendatarius de Barbens dismembraverit ex predicta parrochiali ecclesia infra[sripta] oppida sive casalia vi[delicet] Safi, Pircop et Micabibe et fuerit constituta in parrochiali ecclesia dictorum oppidorum c[asalium] Safi et Micabibe ecclesia Sancti Jacobi posita* **[f.43]** *in dicto casali Pircop atque exinde per prefatum Rev[erendissim]um D[omin]um spect[antibus] aliquibus de causis animum suum digne moventibus unita fuerunt predicta Casalia Safi, Pircop et Micabibe cum dicta parrochiali ecclesia Ca[salis] Birmiftuh prout hec et alia patent ex actis curie Episcopalis melivetane diocesis sub die etc.;* Abela, 379.

[67] ASV, *Visitatio Dusina 1575.*

[68] S. Fiorini, 'Demographic Growth and the Urbanization of the Maltese Countryside to 1798', f'V. Mallia-Milanes (ed.), *Hospitaller Malta: 153-1798* (Mireva, Malta, 1993) 297.

[69] Sa l-1241, aktar minn terz tal-popolazzjoni kienet għadha Misilma, u sal-1498, kien għad hawn min għandu kunjomu "Mohammed", kunjom skomdu li ma damx ma nbidel għal kollox u sar "Mamo". Li "Mamo" hu forma Magħrebina ta' "Mohammed" jidher minn A.M. Schimmel, *Islamic Names* (Columbia University Press, 1995, 30) [nixtieq irrodd ħajr lil Dr. Ray Mangion li ġibidli l-attenzjoni għal din ir-referenza]; ara wkoll G. Caracausi, *Arabismi Medievali di Sicilia* (Palermo, 1983) #169. Fid-dokumentazzjoni Maltija qabel l-1470, qatt

ma ssib "Mamo" (*Acta Juratorum*, Dok. **466** (8.11.1472)), u lanqas ma ssib "Mohammed" wara l-1500 (*ibid.* Dok. **947** (12.11.1498)). Forma ta' għożża tal-kunjom "Mamo" kienet "Mamux" (Schimmel, 69) li titfaċċa intermedjarment fil-bidu tas-seklu: *Don Andrea Mamux* (MCM ACM *Acta Capitularia*, **1**, ff. 1-2ᵛ (11.1419)), u *Cataudu Mamux* (*ibid. Miscellanea* **437** n. 6 [1425], f. 34ᵛ). L-ekwivalenza taż-żewġ forom toħroġ ukoll mill-fatt li l-ġuspatronat imsejjaħ *Ta Singel alias tal Mamux* minn Mons. P. Dusina [ASV, *Visita Apostolica* (1575), f. 326] jidher bħala *Giuspatronato Ta'Sengel sive Ta'Mahmut* f'ġuljana ta' benefiċċi [Arkivju Provinċjali tal-Franġiskani Osservanti, Valletta, *Benefizi* **2.51**, f.208].

[70] A.T. Luttrell, 'Church Patronage and Burial Practice in Malta', f'T.F.C. Blagg, A. Bonanno u A.T. Luttrell (edi.), *Excavations at Hal Millieri, Malta*, (Gutenberg, Malta, 1990) 107-14.

[71] Dan il-għadd baqa' stabbli hekk sa tmiem żmien l-Ordni f'Malta: ara Fiorini, Demographic Growth, 306.

[72] Ara noti 29 u 38, *supra*, u ANV Not. C. Canchur **R140/4**, f. 19 (9.8.1508): *Galcula vocata di Sanctu Johanni in contrata Casalis Percop.*

[73] Skond Mons. Vincent Borg, *Marian Devotions in the Islands of St Paul (1600-1800)* (Lux, Malta, 1983) **13**, As. 24, din il-knisja, li kienet magħrufa wkoll bħala "Ta' Pinu", ġiet ipprofanata u magħluqa għall-kult fil-viżta pastorali tal-1658, iżda li kien twaqqaf altar ta' l-Assunta fil-parroċċa biex jibqa' jfakkarha.

[74] Borg, *ibid.* **28**, As. 12, igħid li dan l-altar kellu d-dedika tiegħu mibdula fl-1802 għal dik tad-Duluri, kif għadu sal-lum, in-naħa tan-nofsinhar tan-navata. L-altar l-ieħor, li twaqqaf minflok il-knisja "Ta' Pinu", għall-ewwel kien dedikat lil San Kożma u San Damjan u fuqu tqiegħdet l-ikona tal-Madonna minn "Ta' Pinu", imma wara ftit kienet saret pittura ġdida tal-Madonna li inkorporat fiha 'l dawn iż-żewġ qaddisin (*ibid.* **28**, As. XI).

[75] ASV *Vis. Apost. Dusina 1575*, ff. 89ᵛ-90ᵛ. Għall-ġrajja ta' dil-knisja fiż-żminijiet ta' wara, ara Borg, 56.

[76] *Ibid.* f. 179ᵛ.

[77] G.Wettinger,'Burials in Maltese Churches: 1419-1530/40', f'Blagg *et al.*, 137; ara wkoll ANV Not. C. Canchur **R140/4**, f. 12.

[78] BNV Univ. **13**, f. 313.

[79] S. Fiorini, 'The Rhodiot Community of Birgu, a Maltese City: 1530-1550', *Library of Mediterranean History* **1** (1994) 183-241, speċ. 198.

[80] Mifsud, Decime, 169.

[81] MCM ACM **10**, 333-343.

[82] Micallef, *Hal Luqa*, 189.

[83] S. Fiorini, 'The Resettlement of Gozo after 1551', *Melita Historica* **9** 3 (1986) 203-44.

[84] Micallef, *Hal Luqa*, 14.

[85] *Id.*, *Hal Safi*, 5.

[86] F. Balbi da Correggio, *La Verdadera Relacion de todo que el anno M.D.LXV ha succedido en la Isla de Malta...* (Barċellona, 1568, traduzzjoni Ruma, 1965) 165.

[87] M. Buhagiar u S. Fiorini, *Mdina – The Cathedral City of Malta* (The Central Bank of Malta, Malta, 1996) **2**, p. 476.

[88] A. Mifsud, 'Un cenno al 1565 nel 1915', *Archivum Melitense* **2** (1913-14) 224-49, Dok. **5**.

[89] Fiorini, 'Demographic Growth'.

[90] S. Fiorini, 'Status Animarum, I: A Unique Source of 17th- and 18th-century Maltese Demography', *Melita Historica* **8**.4 (1983) 325-43, speċ. Tabella **2**.

[91] Ferres 430-431, 451-2, 459; Micallef, *Hal Safi*, 9-12.



L-Ewwel Fonti tal-Maghmudija ta' Ħal Kirkop
*(Ritratt minn Dun Karm Camilleri)*